REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1772

tat-28 ta' Settembru 2017

li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Kanada

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 ([2]), il-Kunsill awtorizza l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra ("il-Ftehim").

(2) Il-Ftehim jistipula li d-dazji doganali dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' oġġetti li joriġinaw fil-Kanada jridu jonqsu jew jitneħħew skont l-iskeda tat-tneħħija tat-tariffi fl-Anness 2-A ta' dak il-Ftehim. L-Anness 2-A jipprovdi li għal ċerti oġġetti, it-tnaqqis jew it-tneħħija tad-dazji doganali jingħataw fi ħdan il-kwoti tariffarji.

(3) L-Anness 2-A tal-Ftehim jistipula li l-Unjoni għandha tiġġestixxi whud minn dawk il-kwoti tariffarji fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Il-Kummissjoni għandha tiġġestixxi dawk il-kwoti tariffarji skont ir-regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([3]).

(4) Il-Ftehim jipprovdi li biex l-oġġetti jibbenefikaw minn dawk il-kwoti tariffarji, dawn iridu jikkonformaw mar-regoli tal-oriġini kif stipulat fl-Anness 5 tal-Protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri tal-oriġini mehmuża ma' dak il-Ftehim.

(5) Kif ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Ftehim għandu jibda japplika b'mod provviżorju mill-21 ta' Settembru 2017 ([4]). Sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-ġestjoni effettiva ta' dawk il-kwoti tariffarji mogħtija skont il-Ftehim li l-Kummissjoni għandha tiġġestixxi fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-21 ta' Settembru 2017.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni huma miftuħa għal oġġetti li joriġinaw fil-Kanada kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

L-oġġetti elenkati fl-Anness li joriġinaw fil-Kanada u dikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni għandhom, fi ħdan il-kwoti tariffarji rispettivi stipulati fl-Anness, ikunu eżentati mid-dazji doganali applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni.

Artikolu 3

Il-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).
([4]) Avviż dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 238, 16.9.2017, p. 9).

Artikolu 4

Sabiex ikunu eliġibbli li jibbenefikaw mill-kwoti tariffarji stipulati f'dan ir-Regolament, l-oġġetti elenkati fl-Anness għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness 5 tal-Protokoll dwar ir-Regoli tal-Oriġini u l-Proċeduri tal-Oriġini mehmuża mal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, u jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni tal-oriġini valida stipulata fl-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' Settembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Minkejja r-regoli tal-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-lingwaġġ tad-deskrizzjoni tal-prodotti fir-raba' kolonna tat-tabella għandu jiġi kkunsidrat li għandu biss valur indikattiv. L-iskema preferenzjali hija determinata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċijiet NM stipulati fit-tieni kolonna tat-tabella kif applikabbli fil-mument tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn ikunu indikati ex kodiċijiet NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi determinata permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċijiet NM u d-deskrizzjoni korrispondenti tal-prodotti fir-raba' kolonna tat-tabella meħudin flimkien.

Numru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)
09.8400	ex 0201 10 00	93	Karkassi u nofs karkassi tal-biżonti, friski jew imkessħin	Mill-21.9.2017 sal-31.12.2017	841 tunnellata ta' ekwivalenti għall-piż tal-karkassi
				Mill-1.1.2018 sal-31.12.2018 u għal kull sena sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	3 000 tunnellata ta' ekwivalenti għall-piż tal-karkassi
	ex 0201 20 20	93	Kwarti "kompensati" tal-biżonti bl-għadma, friski jew inkessħin		
	ex 0201 20 30	93	Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin tal-biżonti, bl-għadma, friski jew imkessħin		
	ex 0201 20 50	93	Kwarti ta' wara mhux mifrudin jew mifrudin tal-biżonti, bl-għadma, friski jew imkessħin		
	ex 0201 20 90	20	Qatgħat oħrajn tal-biżonti bl-għadma, friski jew inkessħin		
	ex 0201 30 00 [1]	30	Laħam tal-biżonti bla għadma, frisk jew imkessaħ		
	ex 0202 10 00	20	Karkassi u nofs karkassi tal-biżonti, iffriżati		
	ex 0202 20 10	20	Kwarti "kompensati" tal-biżonti bl-għadma, iffriżati		
	ex 0202 20 30	20	Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin tal-biżonti, bl-għadma, iffriżati		
	ex 0202 20 50	20	Kwarti ta' wara mhux mifrudin jew mifrudin tal-biżonti, bl-għadma, iffriżati		
	ex 0202 20 90	20	Qatat oħrajn tal-biżonti bl-għadma, iffriżati		
	ex 0202 30 10 [1]	20	Kwarti ta' quddiem, sħaħ jew imqattgħin f'massimu ta' ħames biċċiet, kull kwart fi blokka waħda; kwarti "kompensati" f'żewġ blokok, waħda minnhom fiha l-kwart ta' quddiem, sħiħ jew maqtugħ f'massimu ta' ħames biċċiet, u l-oħra fiha l-kwart ta' wara, mingħajr flett, f'biċċa waħda, tal-biżonti, bla għadma u ffriżati		

Numru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)
	ex 0202 30 50 (1)	20	Crop, qatgħat tal-ispalla u skapula u sidra tal-biżonti, bla għadma u ffriżati (2)		
	ex 0202 30 90 (1)	20	Laħam ieħor bla għadma tal-biżonti, iffriżat		
	ex 0206 10 95	20	Falda ħoxna u falda rqiqa tal-biżonti, friska jew imkessħa		
	ex 0206 29 91	31 40	Falda ħoxna u falda rqiqa tal-biżonti, iffriżata		
	ex 0210 20 10	10	Laħam tal-biżonti bl-għadma, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat		
	ex 0210 20 90 (3)	91	Laħam bla għadma tal-biżonti, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat		
	ex 0210 99 51	10	Falda ħoxna u falda rqiqa tal-biżonti, immellħa, fis-salmura, imnixxfa jew affumikata		
	ex 0210 99 59	10	Laħam ieħor tal-ġewwieni tal-biżonti, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat		
09.8403	0304 71 90		Flettijiet iffriżati tal-bakkaljaw tal-ispeċijiet *Gadus morhua* u *Gadus ogac*	Mill-21.9.2017 sal-31.12.2017	281
	0304 79 10		Flettijiet iffriżati tal-bakkaljaw polari (*Boreogadus saida*)	Mill-1.1.2018 sal-31.12.2018 u għal kull sena sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	1 000
09.8404 (4)			Gambli ffriżati, affumikati, fil-qoxra jew le, imsajrin jew le qabel jew matul il-proċess tal-affumikar, mhux ippreparati mod ieħor, f'imballaġġ immedjat ta' kontenut nett li jaqbeż iż-2 kg:	Mill-21.9.2017 sal-31.12.2017 Mill-1.1.2018 sal-31.12.2018 u għal kull sena sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	6 446 23 000
	ex 0306 16 91	10	Gambli tal-ispeċi *Crangon crangon*		
	ex 0306 16 99	21 31 91	Gambli oħra tal-ilma kiesaħ (*Pandalus* spp.)		
	ex 0306 17 91	10	Gambli roża tal-ilma fond (*Parapenaeus longirostris*)		
	ex 0306 17 92	21 91	Gambli tal-ġeneru *Penaeus*		

Numru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)
	ex 0306 17 93	10	Gambli tal-familja Pandalidae, ħlief tal-ġeneru *Pandalus*		
	ex 0306 17 94	10	Gambli tal-ġeneru *Crangon*, ħlief tal-ispeċi *Crangon crangon*		
	ex 0306 17 99	11 91	Oħrajn		
			Gambli mhux iffriżati, affumikati, fil-qoxra jew le, imsajrin jew le qabel jew matul il-proċess tal-affumikar, mhux ippreparati mod ieħor, f'imballaġġ immedjat ta' kontenut nett li jaqbeż iż-2 kg:		
	ex 0306 95 19	10	Gambli tal-ispeċi *Crangon crangon*		
	ex 0306 95 20	21 91	Gambli oħra tal-ilma kiesaħ (*Pandalus* spp.)		
	ex 0306 95 30	21 91	Gambli tal-familja Pandalidae, ħlief tal-ġeneru *Pandalus*		
	ex 0306 95 40	10	Gambli tal-ġeneru *Crangon*, ħlief tal-ispeċi *Crangon crangon*		
	ex 0306 95 90	10	Oħrajn		
	1605 21 90		Gambli ppreparati jew ippreservati f'kontenituri mhux issiġillati, f'imballaġġ immedjat ta' kontenut nett li jaqbeż iż-2 kg		
	1605 29 00		Gambli ppreparati jew ippreservati f'kontenituri ssiġillati		
09.8405	0710 40 00		Qamħirrum ħelu (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew b'togħlija fl-ilma), iffriżat	Mill-21.9.2017 sal-31.12.2017	374
	2005 80 00		Qamħirrum ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*), ippreparat jew ippreservat b'xi mod iżda mhux bil-ħall jew aċidu aċetiku, mhux iffriżat, ħlief il-prodotti tal-intestatura 2006	Mill-1.1.2018 sal-31.12.2018	2 667
				Mill-1.1.2019 sal-31.12.2019	4 000
				Mill-1.1.2020 sal-31.12.2020	5 333

Numru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)
				Mill-1.1.2021 sal-31.12.2021	6 667
				Mill-1.1.2022 sal-31.12.2022 u għal kull sena sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	8 000

(1) Mad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' dan il-prodott b'talba biex jibbenefika minn din il-kwota tariffarja, l-operatur ekonomiku għandu jiddikjara n-numru tal-ordni 09.8401. Il-koeffiċjent 1,3 għandu jiġi applikat għas-sistema tal-kwoti elettroniċi tal-Kummissjoni biex jikkonverti l-piż nett tal-prodott dikjarat f'ekwivalenti għall-piż tal-karkassa.

(2) L-entrata taħt din is-subintestatura hija soġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' awtenticità maħruġ skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 139/81 (ĠU L 15, 17.1.1981, p. 4).

(3) Mad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' dan il-prodott b'talba biex jibbenefika minn din il-kwota tariffarja, l-operatur ekonomiku għandu jiddikjara n-numru tal-ordni 09.8402. Il-koeffiċjent 1,35 għandu jiġi applikat għas-sistema tal-kwoti elettroniċi tal-Kummissjoni biex jikkonverti l-piż nett tal-prodott dikjarat f'ekwivalenti għall-piż tal-karkassa.

(4) Gambli ppreparati jew ippreservati esportati mill-Kanada skont il-kwota tal-oriġini applikabbli skont in-numru tal-ordni 09.8310 kif previst fit-Taqsima B tal-Appendiċi A (Kwoti tal-Oriġini) tal-Anness 5 (Regoli speċifiċi skont il-prodott tal-oriġini) tal-Protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini jew il-proċeduri tal-oriġini mehmuża mal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ma għandhomx jiġu importati fl-Unjoni b'din il-kwota tariffarja.